KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 27**

**L-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Hadd

**ASSENTI:**
Is-Sur Johann Borg — Kunsillier

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Perit Carmel Cacopardo | Konsulent fuq il-bord tal-Freeport (online) |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 27.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**27.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill ħa vot fuq din it-talba.

**Favur** 2 **Kontra** 3 **Astensjonijiet** 3

Din it-talba ma ġietx aċċettata u għalhekk il-Kunsillier Johann Borg se jiġi mniżżel assenti.

## 27.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 26)

**27.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 26.

**27.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Karel Zahra, il-minuti ta' seduta 26 ġew approvati unanimament.

## 27.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**27.03.01** *Għodda għall-ħaddiema ta' barra rikjesta mill-foreman*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li f'waħda mil-laqgħat preċedenti kienet għaddiet kwotazzjoni għall-għodda iżda s-supplier li ġie l-orħos baqa' ma jweġibx il-korrispondenza tagħna u għalhekk għaddejna għat-tieni supplier billi hemm bżonn li din l-għodda tkun għandna mill-aktar fis. It-tieni l-orħos kwotazzjoni kienet dik B, li tammonta għal €3,787.50. Il-kunsilliera preżenti qablu li nimxu għat-tieni l-orħos kwotazzjoni.

**27.03.02** *Sistema tal-intercom*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa hemm problema fl-intercom system eżistenti u għalhekk inġiebu 3 kwotazzjonijiet biex tinbidel din is-sistema. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €1,080.35. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**27.03.03** *35 seater Kalafrana bus - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħas-sena l-oħra se terġa' ssir il-mawra b'tal-linja l-antika għal Festa Bengħajsa. Inġabret kwotazzjoni mingħand l-istess supplier li tammonta għal €830. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.04** *Re-enactment - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni mingħand l-istess grupp tas-sena l-oħra, li kienu għamlu r-re-enactment tat-Tieni Gwerra Dinjija f'Festa Bengħajsa. Din tammonta għal €1,650. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.05** *Token ta' kommemorazzjoni għal min jieħu sehem - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal 80 token magħmul mill-konkos sabiex jingħataw lil kull min jieħu sehem. Il- kwotazzjoni tammonta għal €325. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.06** *Fjuri - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal tiżjin bil-fjuri f'Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik B, li tammonta għal €106.20. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.07** *Stage - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-istage ta' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €1,239. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.08** *Gazeebos - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-gazeebos ta' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik Ċ, li tammonta għal €3,557.70. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.09** *Servizz ta' ambulanza - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal servizz ta' ambulanza f'Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik B, li tammonta għal €195. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din ilkwotazzjoni.

**27.03.10** *Baned - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni waħda miż-żewġ baned tal-lokal għal Festa Bengħajsa. Kull kwotazzjoni tammonta għal €1,100. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn il-kwotazzjonijiet.

**27.03.11** *Preżentatur - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għall-istess preżentatur tas-sena l-oħra f'Festa Bengħajsa. Din tammonta għal €500. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.12** *Sound - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għas-sound f'Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €800. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.13** *Printing ta' banners u posters - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-printing ta' banners u posters ta' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik Ċ, li tammonta għal €1,309.80. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.14** *Videographer - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-vidjografija ta' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik B, li tammonta għal €377.60. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.15** *Xogħol relatat ma' Wied il-Buni*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana ltaqgħu mal-ħaddiema tal-PWD fejn se jibda jsir it-tranġar tal-pilastri tal-konkos f'Wied il-Buni. Apparti dan, se jsir ukoll festun biex isir dawl mill-ġdid u għalhekk inġabret kwotazzjoni għal dan ix-xogħol. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €1,200. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.16** *Galvanised pipes*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-pajpijiet li hemm bżonn jinxtraw għall-fustun ta' Wied il-Buni. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €1,829. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**27.03.17** *Siltex smooth paint*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal żebgħa apposta biex jinżebgħu l-pilastri li se jiġu rranġati f'Wied il-Buni. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €1,500 iżda s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab sabiex jinġiebu 2 kwotazzjonijiet oħra.

## 27.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

*Għall-ewwel item il-Perit Carmel Cacopardo pparteċipa online.*

**27.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Perit Carmel Cacopardo sabiex jagħti spjegazzjoni dwar is-sound report tal-Freeport. Huwa ta spjegazzjoni qasira dwar ir-rapport tal-ħsejjes li ġie mħejji mill-konsulenti tal-Freeport. Dan ir-rapport se jiġi użat biex, bħas-snin li għaddew, jiġu implimentati għadd ta' miżuri biex jitnaqqas l-impatt tal-ħoss mill-Freeport.

**27.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li s-servizz.gov se jibda jopera minn nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2026.

**27.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri informa li l-Kunsillier Darren Mark Debono ħejja r-rapport biż-żoni identifikati fil-Bajja s-Sabiħa biex ikunu jistgħu jsiru l-kiddie rides. Dan ir-rapport se jitla' bħala aġenda item fis-seduta li ġejja.

**27.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward il-problema tal-ħamiem se jkun hemm infurzar min-naħa tal-pulizija li min jinqabad jitma' l-ħamiem se jeħel multa ta' €46.59. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jipprovdi lista ta' toroq fejn hemm l-iktar problema tal-ħamiem u għalhekk inġabret lista mir-residenti li qed ibatu minħabba dil-problema.

**27.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna lura mill-parroċċa fuq it-talba li għamel il-Kunsill biex jintuża z-zuntier sabiex jitqiegħed il-presepju li hemm ordnat. Il-parroċċa laqgħet it-talba tal-Kunsill bil-kundizzjoni li l-presepju jiġi armat fil-post indikat. Huwa talab ukoll sabiex jiġi miftiehem meta l-presepju se jiġi armat ħalli ma jtellifx l-użu taz-zuntier fl-attivitajiet tal-parroċċa; li ma jiżżarmax qabel jintemm iż-żmien liturġiku tal-Milied; u li jġeddu l-użu ta' dan il-lok għall-armar tal-presepju.

**27.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-ġranet li ġejjin se jinbeda x-xogħol tal-bini mill-ġdid fil-Bajja s-Sabiħa. Dan se jinkludi kemm it-triq, li se ssir fuq bażi tal-konkos u jtuha x-xibka, kif ukoll se jsiru bankini ġodda fil-madwar. Dan ix-xogħol mistenni jitlesta qabel jibda s-sajf.

**27.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-ġranet li ġejjin għandu jitlesta x-xogħol li qed isir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq Birżebbuġa, l-inħawi ta' San Ġorġ. Bħala parti minn dan ix-xogħol, mistenni li fil-25 ta' Marzu tingħalaq it-triq biex jiġi konness il-main.

**27.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li se jibda x-xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fix-xatt ta' San Ġorġ. Il-pjan huwa li sal-aħħar tal-ġimgħa jibdew is-sistema tad-drenaġġ il-ġdid u wara jidħlu l-MTIP sabiex jibdew il-proċess tal-fażi tal-promenade.

## 27.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**27.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar iż-zebra crossing ta' quddiem il-JobsPlus. Huwa xtaq ikun jaf jekk jistax jiċċekkja jekk iż-zebra crossing imsemmija taqax taħt il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, u jekk iva, jistax jitjieb id-dawl li hemm magħha

għaliex, speċjalment fix-xitwa, din tiġi użata fis-sigħat li fihom ikun għadu d-dlam. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se ninfurmaw lil Transport Malta.

**27.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-ħruġ minn Triq Tal-Papa. Huwa semma li l-ħruġ minn din it-triq ilu jiġi diskuss għal numru ta' snin u l-aħħar pjan kien li ssir applikazzjoni għal xi forma ta' traffic lights. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti aġġornament dwar fejn waslu t-taħditiet mal-awtoritajiet involuti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din għadha pendenti.

**27.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Triq iż-Żurrieq. Huwa semma li bħala Kunsill ilna niddiskutu ma' IM għal numru ta' snin biex jingħata t-tarmak f'din it-triq u l-istat tagħha qiegħed dejjem imur għall-agħar. Issa n-naħa ta' fejn din tiltaqa' ma' Triq San Ġwann hemm ħofor kbar li huma ta' inkonvenjent kemm għas-sewwieqa kif ukoll għan-nies li jgħixu hemm. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jerġa' jimla l-ħofor ta' dawn l-inħawi sakemm issir it-triq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li tlabna feedback għal lista aġġornata ta' toroq li se jsiru.

**27.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar is-sinjali fi Triq it-22 ta' Frar. Huwa semma li f'din it-triq, in-naħa Tal-Papa, twaħħlu żewġ sinjali fil-postijiet immarkati. Is-sinjal immarkat fuq l-istampa kellu jitwaħħal in-naħa l-oħra ta' din it-triq, fejn tiltaqa' ma' Triq in-Narċis. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se jitkellem mal-foreman sabiex titranġa.

**27.05.05** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar il-ħaddiema manwali tal-Kunsill. Huwa xtaq ikun jaf kif qed jitqassam ix-xogħol lil dawn il-ħaddiema. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li hu flimkien mal-foreman ifasslu pjan skont l-urġenza tax-xogħol. Żied li darba fil-ġimgħa, meta t-temp ikun jippermeti, se jibda jdaħħal fil-programm sinjali u tabelli li jkun hemm fil-lista tax-xogħlijiet.

## 27.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**27.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Frar 2026.

## 27.07 Korrispondenza

**27.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna allokazzjoni finanzjarja mir-Reġjun Nofsinhar għall-attività ta' San Girgor. Hemm ukoll għajnuna finanzjarja għaż-żewġ għaqdiet tal-lokal li se jorganizzaw il-fjakkolata f'Ħamis ix-Xirka. L-allokazzjoni hija ta' €250 għal kull għaqda.

**27.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kellna tnedija ta' Minn Pjazza għal Pjazza din is-sena, li hija inizjattiva tal-Gvern Lokali. Huwa talab lill-Kunsillier Karel Zahra jagħti briefing fuq din il-laqgħa li attenda għaliha. Il-Kunsillier Karel Zahra semma li hemm l-idea li jittella' musical fuq Għar Ħasan. L-għeluq għal din l-applikazzjoni huwa t-28 ta' Marzu u din trid issir sa dis-sena. Wara diskussjoni libera, ġie deċiż li jiġu proposti żewġ dati: 19 ta' Settembru jew 17 ta' Ottubru 2026.

**27.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-passat il-Kunsill kellu relazzjoni ma' Città di Porto San Giorgio. Dawn bagħtu korrispondenza fejn stiednu delegazzjoni mill-Kunsill (sa mhux aktar minn 4 persuni) fil-kuntest tar-relazzjoni ta' ġemellaġġ sabiex tipparteċipa fiċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-festa tal-patrun qaddis tagħhom, li se jsiru mit-22 ta' April sal-25 ta' April. Dawk il-kunsilliera interessati għandhom jagħmlu kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv.

**27.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza li Project Green ħarġu sejħa għal dawk il-Kunsilli interessati li jiżviluppaw dog parks u cat cafes fil-lokalitajiet. Dawn għandhom allokazzjoni ta' €50,000 għal kull proġett. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Rohasia Zammit sabiex tiċċekkja magħhom biex naraw jekk tiġix aċċettata l-applikazzjoni jekk nagħmlu upgrade f'numru ta' soft areas li għandna.

**27.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħala upgrade ta' servizzi li se jingħataw minn servizz.gov hemm is-servizzi relatati mal-ARMS u TM.

**27.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm għaddejja partial review plan tal-local plans fejn jidħlu l-commercialisation tal-isport facilities u r-regulations tagħhom. Semma li peress li aħna għandna ħafna sport facilities li huma tal-Gvern, talab lill-konsulent ambjentali tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea sabiex jiċċekkja daqsxejn fuqha. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li nagħmlu sottomissjoni t'interess fuqha sabiex insegwu l-proċess kif ukoll nikkjarifikaw it-terminu 'under utilised'.

**27.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna applikazzjoni li fil-parti tal-UCA fil-Bajja s-Sabiħa jitwaqqa' bini u jsir mill-ġdid. Il-Kunsill dejjem talab li l-faċċata tibqa' fuq l-istil li jikkumplimenta l-parti tal-UCA fix-xatt. Il-faċċata, skont kif ikkonferma l-konsulent ambjentali, mhijiex konformi ma' dak li hemm attwali billi l-iżvilupp huwa dak modern. Semma li din ittellgħet seduta biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni jekk dan għandux jitħalla jieħu sehem fil-proċess tal-PA, jekk hux forma ta' oġġezzjoni u jekk f'każ ta' rakkomandazzjoni x'għandu jsir. Ġie deċiż li min-naħa tal-Kunsill issir ritenzjoni tal-istil taż-żona.

**27.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li talab feedback lill-perit responsabbli li qed jaħdem fuq il-proġett taċ-ċentru ċiviku. Dan informa li bħalissa għaddej il-proċess tal-PA biex tinġieb in-no objection mill-Ministeru tal-Edukazzjoni biex jaraw u jikkonfermaw li kollox huwa konformi mal-policies tal-istess ministeru.

**27.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet applikazzjoni għal un/loading bay minn ħanut ġdid li se jiftaħ fi Triq San Ġwann. *Hawnhekk is-Sindku Scott Camilleri talab li din tiġi diskussa bejn il-kunsilliera preżenti billi hu ma jistax jikkummenta peress li fil-familja hemm permess simili u għalhekk ħareġ mill-kamra.* Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li napplikaw bil-proċedura tas-soltu. Is-Sindku Scott Camilleri reġa' daħal lura fil-kamra.

**27.07.10** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-istess ħanut li se jiftaħ fi Triq San Ġwann qed jitlob permess sabiex jagħmel tabelli bir-riklam tal-ħanut. *Hawnhekk is-Sindku Scott Camilleri talab li din tiġi diskussa bejn il-kunsilliera preżenti billi hu ma jistax jikkummenta peress li fil-familja hemm permess simili u għalhekk ħareġ mill-kamra.* Dan qed jissuġġerixxi li dawn isiru flok it-tabelli li hemm biex ma jintremiex żibel fl-inħawi. Wara

diskussjoni libera, ġie deċiż li ma jingħata l-ebda permess. Is-Sindku Scott Camilleri reġa' daħal lura fil-kamra.

**27.07.11** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna applikazzjoni għal communal bay quddiem garaxx fi Triq id-Daqqaqa. Mill-Kunsill ħadd ma kien jaf min kien li applika għaliha u għalhekk ġie deċiż li nibagħtu lil Transport Malta sabiex inkunu nafu iżjed informazzjoni dwar din it-talba.

**27.07.12** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Alex Caruana bagħat korrispondenza fuq id-disabled parking li hemm fil-pjazza billi kellmu resident biex il-Kunsill jiffriska ż-żebgħa ta' dan il-parking, li dan kien jintuża minn resident ieħor li kien joqgħod hemm u li m'għadux magħna. Il-Kunsillier Alex Caruana xtaq li din titla' seduta sabiex jiġi deċiż jekk dan il-parking isirx communal jew jitneħħa. Wara diskussjoni libera, ġie deċiż li dan il-parking jitneħħa.

**27.07.13** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza minn venditur privat biex jara jistax jagħmel beach lockers fix-xatt fejn l-iskate park. Huwa semma li għadda l-korrispondenza lill-Kunsillier Darren Mark Debono sabiex jikkordina laqgħa ma' dan il-venditur u flimkien mas-Sindku Scott Camilleri jaraw x'inhuma l-ideat tiegħu.

**27.07.14** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna applikazzjoni għal claim ta' tyre li saritlu ħsara permezz ta' pothole fi Triq il-Bajja s-Sabiħa. Billi din il-persuna ma provdietx l-affarijiet kollha mitluba u r-ritratt ma tteħidx fuq il-post fejn sar l-inċident. Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa r-responsabbiltà qiegħda f'idejn il-WSC bħalissa billi huma għaddejjin bix-xogħlijiet hemmhekk, għalhekk it-talba se tgħaddi lill-imsemmija entità.

**27.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet**

**27.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni/rakkomandazzjoni.

**27.09 Sejħiet għall-offerti BLC/T/01/02/03/2026**

**27.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm l-evalwazzjonijiet ta' 2 tenders: BLC/T/01/2026 relatat mas-servizz ta' perit u BLC/T/03/2026 relatat mas-servizzi tal-accountant. Dwar BLC/T/02/2026 għadna qed nistennew kjarifiki mingħand min issottometta l-orħos offerta.

**27.09.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għat-tender tal-perit daħlu 4 sottomissjonijiet. L-orħos offerta kienet tal-kumpanija Med Developers Designers and Consultants Ltd, li tammonta għal €20,150, VAT eskluż. L-evalwazzjoni nqablet mill-kunsilliera preżenti kollha.

**27.09.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għat-tender relatat mas-servizzi tal-accountant daħlu 5 sottomissjonijiet. L-orħos offerta kienet tal-kumpanija Akkonta Services Ltd, li tammonta għal €7,020. L-evalwazzjoni nqablet mill-kunsilliera preżenti kollha.

## 27.10 Attivitajiet u skemi

**27.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra sabiex jagħti aġġornament fuq l-iskemi. Huwa semma li fil-ġimgħa li għaddiet ħarġu l-iskemi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Hemm 6 skemi u li huma l-istess bħas-sena l-oħra.

1. *SPI/SCI/01/2026 – Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026*
   - Din l-iskema, li hija Festa Bengħajsa, għal din is-sena se ssir f'Mejju iżda mis-sena d-dieħla jkollha ssir bejn Ġunju u Diċembru. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li nibagħtu korrispondenza lid-dipartiment u l-attività kulturali li qed issir f'Mejju titħalla waħda li ssir mill-Kunsill u tintalab estensjoni ta' 5 xhur.

**27.10.02** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li għas-seduta li jmiss se ntellgħu 2 skemi: SPI/SCI/01/2026 Finanzjament – Lokalitajiet iktar nodfa kif ukoll SPI/SCI/03/2026 Finanzjament – Milied 2026.

## 27.11 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**27.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għandu kunflitt t'interess f'pagament numru 22.

*Petty cash:*

**27.11.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Rohasia Zammit, u sekondata mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 27.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**27.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026, fis-19:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 14 ta' April 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |